MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2250/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Aaron Galea**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2004 fejn is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas s-somma ta' tlett mija u sitta u sittin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm 366.61) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 8287 u dana ghal servizzi rezi bejn ix-xhur ta' Frar 2004 u April 2004.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezentat ebda risposta inkontestazzjoni ghall-istess talba.

Semghet ix-xhieda tal-Avukat Dr Philip Magri fejn kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Aaron Galea jhallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba tlett mija u sitta u sittin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm 366.61), bl-imghaxijet legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 t’Ottubru, 2004 a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------